MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 299/2010/1

**Ines Calleja**

**v.**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-awtorita` konvenuta mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru 2011 li permezz tagħha l-istess Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħha u laqgħet it-talbiet tal-attriċi. L-

awtorita` appellanti qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tal-ewwel istanza, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad t-talbiet tal-attriċi.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"**Il-Qorti**

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

"Illi hija għandha l-pussess ta' porzjoni art ta' kejl superfiċjali ta' ċirka erbat elef u ħames mitt metru kwadru (4,500m$^2$) liema art tinsab fil-limiti taż-Żurrieq u tikkonfina mill-Majjistral ma' Valletta Road, mill-Grigal ma' Triq Dun Ġużepp Barbara li tagħti għal Ħal Kirkop u mill-Lbiċ ma' proprjeta' ta' terzi, liema proprjeta' hija ndikata bl-ittri A, B, C u D fuq il-pjanta u *aerial photograph* hawn annessi.

"Illi fil-11 ta' Frar 2010, l-intimat daħal ġol-proprjeta' tal-esponenti bl-inġenji u għamel ħsara fir-raba', ħaffer kanal, u bena pedamenti ta' ħajt ġewwa l-istess għalqa aktar 'il ġewwa mill-ħajt estern u neħħa żewġ filati ġebel mill-ħajt li jifred l-imsemmija għalqa mit-triq li tagħti għal Ħal Kirkop.

"Illi dan sar abbużivament u llegalment u mingħajr il-kunsens tal-esponenti u b'hekk l-Awtorita' intimata kkommettiet spoll vjolenti.

"Għaldaqstant l-esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

"1. Tiddikjara li l-Awtorita' intimata kkommettiet spoll fuq proprjeta' fil-pussess tar-rikorrenti; u konsegwentement

"2. Tordna lill-Awtorita' intimata sabiex tirriprestina l-proprjeta' tal-esponenti fl-istat li kienet anterjorment għall-istess spoll kompriż ir-repristinazzjoni tal-*boundary wall* tal-esponenti li jiġi faċċata ma' Valletta Road, Żurrieq tal-istess kwalita', daqs u għoli li kien qabel, fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk prefiss; u fin-nuqqas

”3. Tawtorizza lill-esponenti tagħmel dawk ix-xogħolijiet bi spejjeż tal-intimati taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jogħġobha timponi.

“Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita’ intimata kompriżi dawk ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 230/2010 u b’riżerva għall kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti, liema intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-awtorita’ konvenuta ppreżentata fis-16 ta’ April 2010, li permezz tagħha eċċepiet:

“Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu responti bl-ispejjeż kontra tagħha, u dana billi *in linea* preliminari l-attriċi għandha tipprova li hija effettivament kellha l-pussess tal-art mertu tal-każ;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-Awtorita’ intimata mhix persuna fiżika kwindi ma tista’ qatt tikkometti spoll kif allegat mill-attriċi;

“Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, l-allegat azzjoni ta’ spoll ma saritx mill-esponenti u *di piu* mingħajr l-awtoriżżazzjoni jew ordni tal-istess esponenti;

“Illi sussidjarament u bla preġudizzju għall-premess, il-każ in mertu jirrigwarda *se mai* għemil amministrattiv u għalhekk l-attriċi kellha tinkwadra l-azzjoni tagħha skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

Salvi eċċezzjoni ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-awtorita’ konvenuta u l-lista tax-xhieda.

“Semgħet il-provi;

"Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Qorti ddikjarat magħluqa l-provi tal-awtorita' konvenuta;

"Ikkunsidrat;

"Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-attriċi qed issostni li l-awtorita' konvenuta daħlet fi proprjeta' tagħha li għaliha għamlet referenza fl-istess rikors u li bidlet ħajt tas-sejjiegħ b'ħajt ieħor f'post differenti minn qabel. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

"1. il-pussess - ***possedisse;***

"2. l-azzjoni spolljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse***; u

"3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun se l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse.***

"Illi l-awtorita' konvenuta qed tikkontesta li l-attriċi kellha l-pussess in kwistjoni; tgħid ukoll qabel xejn hija ma kkomettietx l-atti allegati mill-attriċi u wisq inqas bl-awtorizzazzjoni tagħha, u *se mai* l-attriċi kellha tipproċedi *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, u ċjoe' tattakka l-għemil amministrattiv. Dwar din l-eċċezzjoni l-Qorti mill-ewwel tiddikjara li ma taqbilx. Ma hemm xejn fil-liġi li ma jħallix lil xi ħadd jipproċedi bl-azzjoni ta' spoll jekk iħoss li għandu jagħmel dan anke fil-konfront ta' awtorita' pubblika. It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li bħala persuna morali l-Awtorita' ma tistax tikkometti spoll. Iżda anke din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta peress li fejn jirriżultaw *atti f'isem ... soċjeta' u fl-interess tal-istess soċjeta' li jikkostitwixxi spoll hija s-soċjeta' li tkun responsabbli għall-ispoll.* (sentenzi fl-ismijiet **"Albert Mizzi nomine vs Rev. Prof. George Schembri"** – Qorti tal-Appell 4 ta' Frar 1992 – u **"Alfred Fenech vs Michaelangelo Fenech"** 3 ta' Ottubru 2003 Prim' Awla).

"Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-attriċi kellhomx il-pussess rikjest mill-liġi

u jekk sarx l-att spoljattiv mill-Awtorita'. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għal-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkometti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spolljat."*

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet *'che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio'.*

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipproteġi il-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (**Vol III Sez. 52**).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda legiżlazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Francizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna"* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992.

"Illi f'din il-kawża l-unika prova dwar il-pussess ressqitha l-attriċi *tramite* żewġha Frank Calleja li xehed fil-5 ta' Lulju 2010 u fis-17 ta' Ġunju 2011 u kkonferma sija l-pussess tal-ambjenti u sija l-ispoll kommess mill-awtorita' konvenuta u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-veraċita' tad-depożizzjoni tiegħu. Da parti tagħha l-Awtorita' ma ressqet ebda prova konvinċenti għall-kuntrarju ta' dan; hija donnha qed tgħid li kienet awtorizzata permezz ta' xi ordni ta' esproprjazzjoni illi fil-fatt ġiet esebita fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni li ġie allegat mal-proċess; jidher ċar pero' li meta saret l-ordni, l-att spoljattiv kien ġja' sar – dan sar fi Frar 2010 u l-ordni nħarġet f'Marzu tal-istess sena. Ma ġewx intavolati risposti ġuramentati oħra fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant it-talbiet attriċi jistħoqqilhom jiġu milqugħa.

**"Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-awtorita' konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi. Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar. Il-Qorti tinnomina lil A.I.C. Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xogħol.**

**"L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-awtorita' konvenuta."**

**Rikors tal-appell tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta:**

L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

L-aggravji tagħha huma dawn:

(1) ***L-ewwel aggravju: il-pussess***

L-awtorita` appellanti tirreferi għax-xiehda tal-perit John Demicoli u tgħid li minn din ix-xiehda ġie kkonfermat li l-ħajt diviżorju mertu tal-kawża tneħħa u nbena fuq l-istess linja ta' qabel, u in oltre jirriżulta li l-istess ħajt inbena fuq il-parti esproprjata. Hija ssostni li llum il-pussess tal-art fejn reġa' nbena l-ħajt jinsab vestit fil-Gvern ta' Malta u dana peress li inħarġu d-dikjarazzjonijiet tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' April 2010 u fis-27 ta' Mejju 2010. Tinsisti li jonqos għalhekk element essenzjali u rikjest mil-liġi biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċioe` l-pussess tal-attriċi.

(2) ***It-tieni aggravju: il-mertu ġie eżawrit***

L-awtorita` appellanti ssostni li l-affarijiet li l-attriċi tirreferi għalihom fit-talba tagħha ġew imwettqa u għalhekk il-mertu ġie eżawrit fil-mori tal-kawża u fil-fatt il-mandat ta' inibizzjoni 230/2010 fl-ismijiet Ines Calleja vs Awtorita` għat-Trasport f'Malta ġie revokat u ddikjarat bla effett appuntu abbażi ta' dan il-fatt. Tagħmel ukoll riferenza għax-xiehda tal-perit Demicoli li xehed li l-informazzjoni li tawh il-kuntratturi u s-*supervisor* hija li x-xogħlijiet saru, u żied jgħid li s-sur Calleja qatt ma lmenta li ma sarux.

(3) ***It-tielet aggravju: l-ispoll***

L-awtorita` appellanti tirrileva li jonqos element ieħor rikjest sabiex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi. Hija tgħid li l-attriċi kienet ġiet infurmata li x-xogħlijiet kienu ser isiru u saħansitra kien hemm ko-ordinazzjoni magħha dwar ix-xogħlijiet u dan kif jirriżulta mix-xiehda ta' Frank Calleja tas-17 ta' Ġunju 2011 u tal-perit Demicoli tal-15 ta' Ottubru 2010.

**<u>Risposta tal-appell ta' Ines Calleja:</u>**

L-attriċi wieġbet biex tgħid li l-appell interpost mill-awtorita` konvenuta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud.

Hija tippreċiża li l-kawża odjerna tirrigwarda spoll li sar fil-11 ta' Frar 2010 meta l-Awtorita` daħlet fil-proprjeta` tagħha bl-inġenji, għamlet ħsara fir-raba, ħaffret kanal, bniet pedamenti ta' ħajt 'il ġewwa mill-ħajt estern u neħħiet żewġ filati ġebel mill-ħajt li jifred l-għalqa mit-triq li tagħti għal Ħal Kirkop.

Hija tirrileva li anke jekk għall-grazzja tal-argument jiġi konċess li wara li saret il-kawża parti mill-art ġiet sussegwentement esproprjata, bħala fatt l-ispoll seħħ u għalhekk l-ewwel talba kif formolata dejjem setgħet tiġi akkolta.

Inoltre tgħid li l-ispoll relattiv għal din il-kawża ma jirrigwardax biss il-parti tal-art li l-Awtorita` tallega li ġiet esproprjata, (liema parti tikkummenta li hija pjuttost minima) għax jirriżulta li l-Awtorita` daħlet ġol-għalqa tagħha bit-trakkijiet, tefgħet materjal u ġebel, ħaffret kanal oltre l-linja tal-art esproprjata u sa llum dan għadu ma ġiex ripristinat. Hija tilmenta li l-Awtorita` neħħiet il-ħajt li kien jifred il-proprjeta` minn mat-triq li tagħti għal Ħal Kirkop u bniet ħajt ġdid iktar 'il ġewwa, liema ħajt huwa iktar baxx minn dak li kien hemm qabel b'mod li issa huwa sal-livell tal-ħamrija u skont il-liġi għandu jkun għoli ta' erba' piedi mil-livell tal-ħamrija.

Fir-rigward tal-esproprju tirrileva li d-dikjarazzjonijiet li saret riferenza għalihom ma japplikawx għall-art in kwistjoni u dan stante li fir-rigward tal-avviż tad-29 ta’ April 2010 fit-test Malti jirreferi għall-art f’Ħal Kirkop mentri fit-test Ingliż jirreferi għall-art fin-Naxxar u fir-rigward tal-avviż tas-27 ta’ Mejju 2010, dan jirreferi għall-art f’Ħal Kirkop, meta fil-fatt l-art mertu tal-kawża hija kollha ż-Żurrieq.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:**

Din il-kawża (kif wkoll dik fl-istess ismijiet bin-numru taċ-ċitazzjoni 499/10JA) hija waħda ta’ spoll li tirrigwarda biċċa għalqa proprjeta` tal-attriċi. Din il-biċċa art tinsab f’kantuniera b’mod li naħa minnha tiġi fuq Valletta Road u naħa oħra fuq Triq Dun Ġużepp Barbara li tagħti għal Ħal Kirkop.

L-attriċi ppremettiet li nhar il-11 ta’ Frar 2010 l-Awtorita` daħlet f’tali għalqa bl-inġenji, għamlet ħsara fir-raba, ħaffret kanal, bniet pedamenti ta’ ħajt ġewwa l-istess għalqa aktar ’il ġewwa mill-ħajt estern u neħħiet żewġ filati ġebel mill-ħajt li jifred l-imsemmija għalqa mit-triq li tagħti għal Ħal Kirkop (cioe` Triq Dun Ġużepp Barbara). L-ewwel Qorti wara li eżaminat il-provi prodotti rriżultalha li l-attriċi effettivament kellha l-pussess tal-ambjenti u li l-awtorita` konvenuta kkommettiet atti spoljattivi fil-konfront tal-attriċi.

***L-ewwel aggravju: Nuqqas ta’ pussess***

L-awtorita` appellanti tirreferi għax-xiehda tal-perit John Demicoli u tgħid li minn din ix-xiehda ġie kkonfermat li l-ħajt diviżorju mertu tal-kawża tneħħa u nbena fuq l-istess linja ta’ qabel, u in oltre jirriżulta li l-istess ħajt inbena fuq il-parti esproprjata.

Kif diġa ingħad pero`, l-għalqa in kwistjoni għandha żewġ ħitan u mhux wieħed li jagħtu għal fuq toroq: wieħed jagħti fuq Valletta Road u ieħor fuq Triq Dun Ġużepp Barbara, u din il-kawża ta’ spoll tirrigwarda ħajt differenti minn dak mertu tal-kawża l-oħra. Huwa għalhekk importanti li

wieħed jippreċiża il-ħajt konċernat f'din il-kawża. Issa l-ħajt mertu tal-ispoll odjern huwa dak li jifred l-għalqa mit-triq li tagħti għal Ħal Kirkop (cioe` Triq Dun Ġużepp Barbara), liema ħajt iddaħħal iktar 'il ġewwa fl-għalqa. Il-perit John Demicoli xehed hekk:

*"…il-proprjeta` tas-sinjuri hija kantuniera minn Valletta Road għal Triq Ġużepp Barbara u l-parti ta' ma' Valletta Road fejn kien hemm mil-proġett per se hemmhekk il-ħajt inbidel fuq l-istess linja, il-parti fejn tiġi kantuniera' ma' Triq Dun Ġużepp Barbara u parti fi Triq Dun Ġuzepp Barbara proprja fejn kien hemm l-esproprjazzjoni li konna qed nitkellmu qabel, dak inqala' u nbena fuq fejn hemm esproprjat*."

L-awtorita` ssostni li llum il-pussess tal-art fejn reġa' nbena l-ħajt jinsab vestit fil-Gvern ta' Malta u dan peress li nħarġu d-dikjarazzjonijiet tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' April 2010 u fis-27 ta' Mejju 2010. Targumenta li jonqos għalhekk element essenzjali u rikjest mil-liġi biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċioe` l-pussess tal-attriċi. Dwar dan il-punt l-ewwel Qorti fl-aħħar parti tas-sentenza kkummentat li l-awtorita` kienet donnha qed tgħid li kienet awtoriżżata tagħmel l-att li għamlet permezz ta' xi ordni ta' esproprjazzjoni iżda skartat dan il-punt in vista tal-fatt li l-att spoljattiv kien sar qabel, u ċioe` fi Frar 2010. Osservat ukoll li ma ġewx intavolati risposti ġuramentati ulterjuri f'dan is-sens.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta skartat dan il-fatt tal-esproprjazzjoni. Kif irriżulta lill-ewwel Qorti, jidher li fil-mument li l-awtorita` konvenuta għamlet ix-xogħlijiet lamentati mill-attriċi (Frar 2010) l-istess attriċi effettivament kellha l-pussess tal-ambjenti, iżda ma jistax wieħed jiskarta l-fatt li fil-mori tal-kawża ġew ippubblikati żewġ dikjarazzjonijiet tal-President (f'April u Marzu 2010) li permezz tagħhom żewġ porżjonijiet art fl-istess ambjenti ġew dikjarati meħtieġa għal skop pubbliku. Veru li ma sarux eċċezzjonijiet ulterjuri f'dan is-sens, iżda nonostante dan, jekk jirriżulta li l-attriċi tilfet il-pussess fuq xi partijiet mill-ambjenti mertu tal-kawża dan ifisser li hija m'għandhiex iktar interess ġuridiku fir-rigward ta' tali

partijiet u għalhekk anke jekk jirriżulta li fil-mument li saret il-kawża kien hemm l-elementi kollha biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, jekk il-pussess jintilef fil-mori tal-kawża, ma tistax tiġi ordnata r-ripristinazzjoni fir-rigward tal-partijiet milquta bl-esproprjazzjoni.

L-awtorita` appellanti fir-rikors tal-appell tagħha tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Abdilla v. Onor. Seg. Parlamentari għall-Ambjent et** (deċiża mill-Qorti Kostituzzjoni fit-30 ta' Mejju 2003) fejn ġie ritenut hekk:

*"Fiċ-ċirkostanzi tal-każ de quo, anke li kieku l-appellant beda kawża għad-danni jew kawża ta' spoll, dawn il-kawżi kienu jiġu fix-xejn b'effett tas-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 12 (illum subartikoli (1) u (2)) tal-Kap 88 ftit wara li ssir id-Dikjarazzjoni Presidenzjali li effettivament irriżulta li saret".*

Din il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Stella armla ta' Gorg Agius v. Anton Camilleri et** (deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru 2001) fejn ġie ritenut hekk:
"*Illi għalhekk ma hemm l-ebda dubju li għalkemm l-istess attriċi kellha l-pussess tal-istess art sa qabel id-data tad-dikjarazzjoni tal-President ai termini tal-artikolu 3 tal-kap 88 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-13 ta' Lulju 1998, dan il-pussess tal-istess attriċi spiċċa fuq dik il-parti tal-art tagħha li ġie soġġetta għad-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni b'effett mit-terminu ta' erbatax(14)-il ġurnata mill-istess data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni li tali art kienet meħtieġa għal skop pubbliku, u dan għaliex fl-istess terminu ta' 14-il jum l-istess attriċi kemm bħala proprjetarja u kemm bħala l-persuna li kienet tokkupa l-istess art kellha l-obbligu li tagħti lill-awtorita` kompetenti il-pussess tal-istess art…."*

Fir-risposta tal-appell tagħha l-attriċi tqajjem il-punt li ż-żewġ dikjarazzjonijiet presidenzjali ma japplikawx għall-art in kwistjoni li tinsab fiż-Żurrieq stante li fir-rigward tal-avviż tad-29 ta' April 2010 it-test Malti jirreferi għall-art f'Ħal

Kirkop u t-test Ingliż jirreferi għall-art fin-Naxxar, filwaqt li fl-avviż tas-27 ta' Mejju 2010 ir-riferenza hija għal art f'Ħal Kirkop. Veru li l-lokalita` jidher li tnižżlet erronjament iżda ma jidhirx li hemm xi dubbju dwar li l-art okkupata hi effettivament l-art kolpita bid-dikjarazzjonijiet tal-President u l-istess żewġ dikjarazzjonijiet fl-aħħar parti tagħhom jgħidu hekk "*Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija*." Dawn il-pjanti jikkonfermaw li d-dikjarazzjonijiet effettivament japplikaw għal partijiet mill-art mertu ta' din il-kawża, u preċiżament fejn ittieħdet dik il-parti tal-għalqa li tikkonfina ma' Triq Dun Ġużepp Barbara.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel aggravju tal-awtorita` appellanti huwa fondat: l-attriċi tilfet il-pussess fir-rigward tal-art li ġiet esproprjata fil-mori tal-kawża u għalhekk l-ispustjar tal-ħajt bħala riżultat ta' din l-esproprjazzjoni ma jistax jiġi ripristinat. Dwar l-għoli tal-ħajt, dik hija kwistjoni oħra, li dwarha din il-Qorti ser tipprovdi aktar 'il quddiem.

***It-tieni aggravju: il-mertu ġie eżawrit***

L-awtorita` appellanti ssostni li l-affarijiet li l-attriċi appellata tirreferi għalihom fit-talba ġew imwettqa u għalhekk il-mertu ġie eżawrit. Tispjega li fil-fatt il-mandat ta' inibizzjoni 230/2010 fl-ismijiet Ines Calleja vs Awtorita` għat-Trasport f'Malta ġie revokat u dikjarat bla effett appuntu abbażi ta' dan il-fatt. Effettivament il-Qorti kienet irrevokat il-mandat ta' inibizzjoni tagħha wara li semgħet il-qari ta' nota. Permezz ta' din in-nota (datata 7 ta' Lulju 2010) ġie esebit skambju ta' *emails* bejn l-avukati tal-partijiet fejn l-Awtorita` Dwar it-Trasport f'Malta aċċettat li jsiru s-segwenti xogħlijiet:
"*1. move the big stone blocks alongside the newly built "ħajt tas-sejjieħ" in Triq Kirkop, (behind the sejjieħ wall along Triq Dun Ġużepp Barbara not exceeding one layer in height, as temporary storage until Calleja uses them for his needs)*

*"2. will do "katusa" across the footpath in front of his property so that rain water in the road will go into client's ġiebja*

*"3. remove debris from the field.*"

u fl-istess nota l-attriċi speċifikat li fid-dawl tal-istess korrispondenza u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħha fil-proċeduri oħra pendenti, hija tagħti l-kunsens tagħha għar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni.

L-awtorita` appellanti taċċenna wkoll għax-xiehda tal-Perit Demicoli (il-project leader) fejn qal li sa llum m'għandux risposta li x-xogħlijiet ma sarux. "*L-informazzjoni li tawni l-kuntratturi u s-supervisor huwa li saru, is-sur Calleja qatt ma kkomplejnja li ma sarux minn dak l-aspett.*"

Fix-xiehda tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2011 pero`, Frank Calleja jilmenta li għalkemm il-materjal tneħħa ma nġibidx kollox bil-gaffef, u baqa' l-ġebel "*issa dak il-ġebel li jibqa' fil-ħamrija bit-trakkijiet iduru u x-xitwa dak jogħdos, trid taqilgħu, trid broxk u trid tiġbdu…*" Isemmi wkoll li l-ħajt li kien għoli ta' żewġ metri qabel l-esproprjazzjoni meta nbena aktar 'il ġewwa ma ttellax sal-għoli li kien qabel.

Ma jirriżultax għalhekk li l-affarijiet li dwarhom tilmenta l-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha tranġaw. Fir-risposta tal-appell tagħha l-attriċi appellata baqgħet tilmenta fuq il-materjal u ġebel li ntefa' fl-għalqa, fuq il-kanal li tħaffar oltre l-linja tal-art esproprjata u ssostni li "*sa llum il-ġurnata dan kollu għadu ma ġiex ripristinat*". Tgħid ukoll li l-ħajt odjern huwa sal-livell tal-ħamrija meta qabel kien ferm iktar għoli. In vista ta' dan kollu għalhekk ma jidhrix li l-mertu ġie eżawrit.

It-tieni aggravju għalhekk jirriżulta infondat.

***It-tielet aggravju: l-ispoll***

L-awtorita` appellanti targumenta wkoll li l-attriċi appellata kienet taf bix-xogħlijiet u saħansitra kien hemm ko-ordinazzjoni magħha fir-rigward tax-xogħlijiet. F'dan it-

tielet aggravju tagħha hija tiċċita mix-xiehda ta’ Frank Calleja tas-17 ta’ Ġunju 2011 li tirrigwarda konverżazzjoni li kellu mal-kuntrattur fejn infurmah li kienu ser imissulu parti mill-għalqa minħabba l-esproprjazzjoni u anke qallu “*Diġa waħħaltlek il-poles hemm fejn ser neħdulek*”. Tagħmel ukoll riferenza għax-xiehda tal-perit Demicoli tal-15 ta’ Ottubru 2010 li saret ukoll riferenza għaliha fl-aggravju preċedenti.

Dak li jirriżulta lil din il-Qorti hu li lejliet il-ġurnata li fiha saru l-atti li taw lok għal din il-kawża, Frank Calleja, ir-raġel tal-attriċi kien tkellem mal-kuntrattur u insista li ma jidħolx: *“…jien mort kellimt, nhar San Pawl iltqajna fuq il-post għax qal li ma jaħdimx ħa jgħidli x’ser jagħmel għax kont nafu u għidtlu ‘tidħolx’…”*[1] “*Għidtlu tidħolx għax m’hawn xejn, qed tarahom il-ħitan, l-għada mar waqqa’ biex jinkini…”*[2] Dwar il-ko-ordinazzjoni fir-rigward tax-xogħlijiet, din jidher li kienet fir-rigward tax-xogħol rimedjali li kellu jsir u mhux fir-rigward ix-xogħlijiet li saru fil-11 ta’ Frar 2010.[3]

Fir-rigward tar-rekwiżiti ta’ vjolenza jew klandestinita` il-Qrati tagħna dejjem sostnew li mhux neċessarji dawn iż-żewġ rekwiżiti f’daqqa iżda jekk jirriżulta wieħed ikun suffiċjenti. Fir-rigward tal-vjolenza huwa biżżejjed il-vjolenza fuq il-ħaġa, liema vjolenza tavvera ruħha jekk l-aġir ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur jew detentur. Fil-każ in kwistjoni għalkemm jista’ jingħad li ma kienx hemm klandestinita` għaliex jirriżulta li r-raġel tal-attriċi kellu idea ċara li kienu ser imissu l-għalqa, jirriżulta li ma kienx hemm il-kunsens tiegħu u ta’ martu l-attriċi u għaldaqstant il-“vjolenza” avverat ruħha minħabba dan il-fatt.

Għaldaqstant it-tielet aggravju huwa infondat.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa’ in parte l-appell tal-awtorita` appellanti u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha safejn laqgħet it-talbiet

[1] Xiehda ta’ Frank Calleja, 17.06.2011
[2] Xiehda ta’ Frank Calleja , 05.07.2010
[3] Ara xiehda tal-Perit John Demicoli, 15.10.2010

attriċi fir-rigward ta’ dik il-parti tal-proprjeta` tal-attriċi appellata li ġiet esproprjata mill-Gvern u ordnat ir-ripristinar tal-ħajt li jikkonfina ma’ Triq Dun Ġuzepp Barbara għall-pożizzjoni li kien qabel u tikkonfermha fil-bqija billi konsegwentement:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba tal-attriċi appellata u tiddikjara li l-Awtorita` konvenuta appellanti kkommettiet spoll fuq il-proprjeta` fil-pussess tal-attriċi appellata;

(2) Tordna lill-Awtorita` biex fi żmien xahar tirripristina dik il-parti tal-proprjeta` tal-attriċi appellata mhux milquta bl-esproprjazzjoni fl-istat li kienet anterjorment għall-ispoll u sabiex tirripristina wkoll il-*boundary wall* (bejn l-għalqa u triq Dun Ġużepp Barbara) fl-istess daqs u għoli li kien qabel iżda, in vista tal-esproprjazzjoni, mhux ukoll fl-istess pożizzjoni li kien qabel;

(3) Tinnomina lill-AIC Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xogħol u jassigura li l-affarijiet lamentati mill-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha (minbarra l-ispustjar tal-ħajt) jiġu rimedjati.

(4) Fin-nuqqas tawtorizza lill-attriċi appellanti tagħmel dawk ix-xogħlijiet neċessarji bi spejjeż tal-awtorita` konvenuta appellanti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi fiċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu a karigu tal-awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------